**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.**

**Illum, 16 ta' Gunju 2022**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Elenio Tanti**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Elenio Tanti, iben John u Rita *nee'* Bonnici, mwieled tal-Pieta', nhar it-22 ta' Gunju, 1996, residenti gewwa 52, *Ave Maria*, Triq Andrea Bogdan, iz-Zebbug, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 264296M, senjatament akkuzat talli;

1. Fl-1 ta' Dicembru, 2020, ghall-habta tas-19:30*hrs* u fi granet u l-hinijiet ta' qabel waqt li kien qieghed gewwa Haz-Zebbug u fil-gzejjer Maltin, ha jew ipprova jiehu xi ghasafar, matul l-istagun maghluq ghall-insib tal-ghasafar u dan bi ksur tar-Reg. 18 (1) (c), L.S. 549.42;
2. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi kien qed jikkaccja jew ipprova jikkaccja, jiehu jew jipprova jiehu b'kull mezz li jkun xi ghasfur kif permess skond id-dispozizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, meta ma kienx fil-pussess ta' licenzja valida skond ma tapplika, mahruga mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni ghall-Ghasafar Selvaggi, u ma ssodisfax il-kundizzjonijiet kollha specifikati fil-licenzja u f'kull ligi ohra, dan bi ksur ta' L.S. 549.42 Reg. 12 (1);

3. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi kkaccja jew ipprova jikkaccja, jiehu jew jipprova jiehu xi ghasfur li huwa protett taht dawn ir-regolamenti, jekk mhux skond dawn ir-regolamenti u skond il-kondizzjonijiet ta' kull licenzja li tinghata tahtha u dan bi ksur ta' Regolament 4 (1) (a), S.L. 549.42 u Reg. 8 (1) ta' L.S. 549.42;
4. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi ha jew ipprova jiehu xi ghasfur billi uza xi xbieki u dan bi ksur ta' Regolament 7 (1) (e) tal-L.S. 549.42;

5. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi kkaccja jew ipprova jikkaccja, jiehu jew jipprova jiehu xi ghasfur billi uza jew kellu fil-pussess tieghu waqt attivita ta' kacca jew insib xi gass jew xi apparat elettriku jew elettroniku, specjalment l-uzu ta' tisfir irrekordjat minn qabel ta' ghasafar u dan bi ksur tar-Reg. 7 (1) (d), L.S. 549.42;
6. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi waqt li kien qed jonsob jew jikkaccja kellu fil-pussess tieghu *bird caller* u dan bi ksur tar-Reg. 7 (2), L.S. 549.42;
7. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi bejn saghtejn wara nzul ix-xemx u saghtejn qabel tlugh ix-xemx tal-ghada filghodu, kkaccja jew ipprova jikkaccja, ha jew ipprova jiehu xi ghasfur b'xi mezz, jew garr xi arma tan-nar li tkun ikkargata, jew barra l-ghata taghha u dan bi ksur ta' Regolament 19 (1) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat L.S. 549.421.

Il-Qorti kienet mitluba illi barra li taghti l-piena taht ir-Regolament 27 tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* u s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahruga taht ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, ghall-perjodu applikabbli taht l-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat.

Semghet ix-xhieda;
Rat id-dokumenti kollha ezebieti;
Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi mressqa jirrizulta car li l-qua imputat fid-data tal-imputazzjoni kellu licenzja generali ghall-kacca tal-ghasafar fuq l-art, kacca tal-fenek u ghall-insib tal-ghasafar. L-imputat kellu ukoll licenzja specjali bil-ghan li jkun jista' jippartecipa fil-progett ta' ricerka fuq l-ghasafar tal-ghana u licenzja specjali ghall-insib tal-pluviera u l-malvizz. Mill-provi mressqa d-difiza fl-ebda hin ma qeghda tikkontesta li l-qua imputat kien qed jonsob. L-unika kontestazzjoni bejn il-partijiet hija biss fuq il-hin li fih kien qed jonsob. Il-prosekuzzjoni qeghda s-sostni li l-insib kienet qed issir iktar tard minn saghtejn wara nzul ix-xemx u ghaldaqstant mhux fil-limiti tad-deroga applikabbli. Filwaqt li d-difiza qeghda tikkontesta li l-insib kien qed isir fil-perjodu ta' saghtejn wara nzul ix-xemx u ghadaqstant fil-limiti tad-deroga applikabbli.

Illi mill-provi mressqa jirrizulta li l-hin ta' nzul ix-xemx kien dak ta' 16.48hrs. Ghaldaqstant saghtejn wara nzul ix-xemx jigi 18.48hrs. Wara dak il-hin, id-deroga ma tibqax iktar applikabbli u kwalunkwe insib li jsir ikun waqt stagun maghluq.

Mill-provi mressqa mill-prosekuzzjoni jirrizulta s-segwenti:

- PC47 Briffa fl-affidavit tieghu fl-ebda istanza ma jaghmel referenza ghall-hin tal-ispezzjoni;
- PC217 jghid "ghal habta tal-19.00hrs" – fil-fehma ta' din il-Qorti ftit minuti qabel ma jiskadu s-saghtejn wara nzul ix-xemx jaqghu fil-parametri ta' ghal-habta tal-19.00hrs;
- PS1030 Theuma li fix-xhieda tieghu ukoll jaghmel referenza ghas-19.00hrs bhala l-hin li fih ircevew ir-rapport u marru fuq il-post.

Illi l-hin tas-19.00hrs huwa biss tnax-il minuta wara l-gheluq tas-saghtejn wara nzul ix-xemx li gie pruvat li kien 16.48hrs. Galadarba x-xhieda tal-prosekuzzjoni stess jiddiskrievu dan il-hin (19hrs) bhala wiehed approssimattiv dina l-Qorti ma hijiex tal-fehma li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sal-grad rikjest mil-ligi li l-imputat kien qed jonsab wara l-hinijiet permissibli bil-ligi. Dan iktar u iktar meta jitqies li d-diskrepanza ta' tnax-il minuta hija wisq zghira u konsegwentament id-dubbju ghandu jmur favur l-imputat. Ghaldaqstant dina l-Qorti ser tghaddi sabiex tillibera lill-qua imputat mill-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba u s-seba' imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-hames u s-sitt imputazzjoni, fl-udjenza tat-28 ta' Frar 2022 l-imputat irregistra ammissjoni ghall-istess imputazzjonijiet. Illi jigi nnotat illi l-uzu tal-bird caller huwa projbit anke waqt li persuna tkun qed tikkacja legalment waqt stagun miftuh. Illi l-uzu tal-bird caller mill-qua imputat jirrizulta ippruvat anke mix-xhieda tal-ufficjali tal-pulizija u ghaldaqstant dina l-Qorti hija tal-fehma li dawn iz-zewgt imputazzjonijiet jirrizultaw ippruvati skond il-ligi.

**Decide:**

Ghal dawn il-mottivi, dina l-Qorti, wara li rat ir-regolamenti 7(1)(d) u 7(2) tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006, qed tillibera lill-qua imputat mill-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba u s-seba' imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu filwaqt li qed issib lill-istess imputat Eleno Tanti hati tal-hames u s-sitt imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u konsegwentament qed tikkundanah ghall-multa ta' Eur. 250.

Il-Qorti, ai termini tal-artikolu 23 tal-Kodici Kriminali, qed tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* u cioe' tat-tlett bird callers elevati.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.

Christine Farrugia
Deputat Registratur